**20 ta' Lulju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.,**

Il-Maestà Tagħha r-Reġina
*versus*
Carmelo Barbara

**Liberazzjoni Kondizzjonali — Art. 9(1) tal-Att XII tal-1957.**

*Il-liġi rilevanti tikkontempla liberazzjoni mill-piena taħt il-kondizzjoni illi l-persuna "misjuba ħatja ta' reat" ma tikkommettix 'reat ieħor" għall-perijodu li tistabbilixxi l-istess liġi. Tant l-espressjoni "misjub ħati ta' reat" kemm dik "ma jikkommettix reat ieħor" jirriferixxu għaż-żewġ forom ta' reati, i.e. delitt jew kontravvenzjoni. Imma din l-espressjoni tal-aħħar ma twassalx neċessarjament illi kull liberazzjoni kondizzjonali għandha timporta illi, f'kull każ indistintament, biex tibqa' topera, min ikun irid ma jikkomettix sew delitt sew kontravvenzjoni matul il-perijodu stabbilit.*

Il-Qorti:— Rat l-att tal-akkuża Nru. 32/1961;

Peress illi, għall-mistoqsija preskritta mill-art. 462 tal-Proċedura Kriminali l-akkużat Carmelo Barbara rrisponda li hu ħati skond l-akkuża, u ppersista f'din id-dikjarazzjoni wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi legali tagħha u tagħtu żmien biex ikun jista' jirtiraha;

Tiddikjara lill-imsemmi Carmel Barbara ħati ta' serq kkwalifikat bl-ammont, ħin u mezz, ta' somma ta' flus fuq l-£10 u mhux fuq il-£100, skond l-art. 274(b) (c) (f), 276(a), 277(1), 280, 283 tal-Kodiċi Kriminali;

Qieset il-kondotta preċedenti tal-istess Carmelo Barbara, il-maħfra tad-derubat, kuġin tiegħu, u ċ-ċirkustanzi tal-każ;

Qieset illi l-art. 9(1) tal-Att XII tal-1957 jikkontempla liberazzjoni mill-piena taħt il-kondizzjoni illi l-persuna

"convicted of an offence .... " "commits no offence" għall-perijodu li tistabbilixxi l-Qorti skond l-istess artikolu. L-espressjoni "convicted of an offence" tirriferixxi sew għall-ħati ta' delitt sew għall-ħati ta' kontravvenzjoni. Anki l-espressjoni "commits no offence" tirriferixxi għaż-żewġ forom ta' reat;

Iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti kif presjeduta, din l-espressjoni tal-aħħar ma twassalx neċessarjament illi kull liberazzjoni kondizzjonali għandha timporta illi, f'kull każ indistintament, biex tibqa' topera, min ikun irid ma jikkommettix sew delitt sew kontravvenzjoni matul il-perijodu stabbilit. Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-terminu "offence" fit-tieni parti tal-art. 9 għandu jiġi adoperat fis-sens ta' "delitt", jekk il-liberazzjoni kondizzjonali tkun ġiet mogħtija fuq ħtija ta' delitt, u fis-sens ta' "kontravvenzjoni", u "a fortiori", ta' delitt, jekk tkun ġiet mogħtija fuq ħtija ta' kontravvenzjoni. Dak l-artikolu jitħaddet "in genere" fuq reati; u kif fl-ewwel parti tal-espressjoni "offence" jintendi, skond il-każ konkret, jew delitt jew kontravvenzjoni (salv il-każ ta' konkors ta' reati), hekk fit-tieni parti, bl-użu tal-istess espressjoni, jimporta distinzjoni skond il-każ. L-ispirtu u l-bażi stess tal-Att riferit isaħħu din id-distinzjoni;

Għalhekk;

Rat l-art. 9 tal-Att XII tal-1957;

Tillibera lill-imsemmi Carmelo Barbara taħt il-kondizzjoni, kif spjegat lilu mill-Qorti, illi għal żmien sena millum huwa ma jikkommettix "delitt" ieħor.

---

**Tmiem tal-Ewwel Sezzjoni**
**tar-Raba' Parti**
**tal-Volum XLV**

---